MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 1072/2009

**Victor Borg Barthet (ID 279551M) ezercenti l-kummerc taht l-isem B.B. 2000 ST**

***kontra***

**Carnik Construction Limited (CV16518), Carmelo Formosa (ID 853847M) u Nicholas Formosa (ID 438850M)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors presentat fl-4 ta` Novembru 2009 (li kien ukoll mahluf) li jaqra hekk –

*Illi b`sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Victor Borg Barthet ezercenti l-kummerc taht l-isem B.B. 2000 ST vs Carnik Construction Limited" tat-13 ta` Ottubru 2008 li kkonfermat dik tal-Prim Istanza tat-28 ta` Gunju 2005, l-esponenti gie kanonizzat kreditur tal-kumpannija intimata fis-somma ta` Lm 22,243 ekwivalenti ghal €51,812.25 bl-imghaxijiet mis-16 ta` Dicembru 2002 bl-ispejjez minn liema ammont komplessiv ghandha titnaqqas is-somma ta` Lm 1000 ekwivalenti ghal €2,329.37 li l-attur ghandu jhallas lis-socjeta` intimata. Is-socjeta` intimata giet ikkundannata thallas l-ispejjez kollha tat-talba attrici kemm dawk fil-Prim Istanza kif ukoll dawk tal-appell izda fir-rigward tal-kontrotalba l-ispejjez in Prim Istanza biss huma bla taxxa bejn il-partijiet.*

*Illi minn dawn l-ammonti s-socjeta` intimata ma hallset xejn.*

*Illi f`Jannar 2009 l-esponenti pprezenta Mandat ta` Sekwestru Ezekuttiv 122/09 fl-ismijiet "Victor Borg Barthet ezercenti l-kummerc taht l-isem B.B. 2000 ST vs Carnik Construction Limited (C16518)" izda in segwitu ghall-istess Mandat ta` Sekwestru l-esponenti ma rcieva xejn.*

*Illi mill-published accounts tal-kumpannija jidher li ma kien hemm l-ebda turnover mis-sena 2004 `il quddiem.*

*Illi ghalhekk f`ghajnejn il-ligi l-kumpannija intimata mhijiex kapaci li thallas id-debiti tal-esponenti bhala kreditur taghha u skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 214(2)(a)(ii) u l-Artikolu 214(5)(a) tal-Att dwar il-Kumpanniji, hemm lok li din tigi xjolta u likwidata.*

*Illi inoltre meta nghata l-appalt lill-esponenti in konnessjoni max-xoghol li ta lok ghat-titolu ezekuttiv fuq*

*imsemmi, ma kienx hemm dubju dak iz-zmien dwar is-solidita` finanzjarja tal-istess izda jidher ovvju illi d-diretturi tal-istess kumpannija intimata ma amministrawx sew il-kumpannija, mexxew l-kumpannija hazin b`detriment ghall-esponenti, nnegozjaw b`qerq u inoltre hemm dubju serju kemm l-accounts tal-kumpannija juru stampa vera partikolarment billi fil-prezent dawn juru li l-assi ghebu u l-kreditu tal-esponenti, jekk qatt kien inkluz fl-accounts, thallas u dan kollu jirrendi lill-intimati Carmelo u Nicholas Formosa, bhala diretturi tas-socjeta` intimata, personalment responsabbli ghall-kreditu tal-esponenti fuq imsemmi.*

*Ghaldaqstant ighidu l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex –*

*1. Tiddikjara lis-socjeta` intimata mhijiex f`posizzjoni li thallas id-debitu tal-esponenti u ghalhekk ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 214(2)(a)(ii) u l-Artikolu 214(5)(a) tal-Att dwar il-Kumpanniji.*

*2. Ixxolji l-kumpannija intimata u tahtar stracjarju u taghti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni.*

*3. Tiddikjara lill-intimati, bhala diretturi tas-socjeta` intimata, ma amministrawx sew il-kumpannija, mexxew l-kumpannija hazin, innegozjaw b`qerq u l-accounts tal-kumpannija ma jurux stampa vera u fidila u dan b`detriment ghall-esponenti li l-intimati Carmelo u Nicholas Formosa bhala diretturi tas-socjeta` intimata huma personalment responsabbli ghall-kreditu tal-esponenti fuq imsemmi.*

*4. Tikkundanna lill-intimati solidament responsabbli ghall-kreditu tal-esponenti kif kanonizzat fis-sentenza fuq imsemmija.*

*Bl-izpejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni u b`riserva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-esponenti kemm fil-konfront tal-intimati kif ukoll fil-konfront tal-accountant/s, financial controller/s u awditur/i tas-socjeta` intimata.*

Rat il-lista tad-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors u l-lista tal-persuni li kienu ndikati bhala xhieda.

Rat ir-risposta tal-intimati li kienet prezentata fis-7 ta` Dicembru 2009 li kienet mahlufa wkoll u li taqra hekk –

*1. Illi t-talba ghall-istralc tas-socjeta` kummercjali Carnik Construction Limited (C16518) a bazi tal-allegazzjonijiet dedotti fir-rikors guramentat promotur qed tigi opposta stante li dawn l-allegazzjonijiet huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez.*

*2. Illi oltre dan tali talba mhix legalment sostenibbli stante illi ma gewx imsejha biex joqghod ghall-gudizzju l-azzjonisti tal-istess socjeta`.*

*3. Illi assolutament mhwiex minnu dak li qed jigi allegat mill-attur illi l-konvenuti Carmelo Formosa (ID 853847M) u Nicholas Formosa (ID 438850M) bhala diretturi tas-socjeta` Carnik Construction Limited (C16518) m`amministrawx sew l-imsemmija socjeta` u mexxewha hazin b`detriment tal-attur u nnegozjaw b`qerq.*

*4. Illi gjaladarba l-attur deherlu li ghandu jibbaza l-azzjoni tieghu kemm a bazi ta` wrongful trading u kif ukoll a bazi ta` fraudulent trading kif jirrizulta mid-dicitura tat-tielet talba attrici, jinkombi fuq l-attur illi jipprova dawn*

*l-allegazzjonijiet kumuluttivament u fin-nuqqas tali talba flimkien mar-raba` talba li hija konsegwenzjali ghalihom ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

*5. Illi assolutament mhuwiex minnu lanqas li l-accounts tal-kumpannija konvenuta Carnik Construction Limited (C16518) ma jurux stampa vera tal-posizzjoni finanzjarja tal-istess kumpannija.*

*6. Illi l-konvenuti Carmelo Formosa (ID 853847M) u Nicholas Formosa (ID 438850M) bhala diretturi tal-kumpannija konvenuta Carnik Construction Limited (C16518) dejjem agixxew korrettement.*

*7. Illi l-konvenuti Carmelo Formosa (ID 853847M) u Nicholas Formosa (ID 438850M) mhumiex responsabbli ghad-dejn tal-kumpannija konvenuta Carnik Construction Limited (C16518).*

*8. Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

*9. Salv eccezzjonijiet ohra permissibbli skond il-ligi.*

Rat li l-gbir tal-provi tal-partijiet kien maghluq fl-udjenza tat-2 ta` Novembru 2010.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-2 ta` Novembru 2010 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza u tat lir-rikorrent il-fakolta` li jipprezenta nota ta` osservazzjonijiet sat-30 ta` Novembru 2010 u lill-intimati l-fakolta` li jipprezentaw nota responsiva sal-31 ta` Dicembru 2010.

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet tar-rikorrent li kienet prezentata fid-9 ta` Novembru 2010.

Rat li l-intimati ma pprezentawx nota responsiva.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. Il-provi**

**A. John Abela**

**John Abela** kien l-awditur li ha hsieb l-*audits* ta` l-kumpannija intimata ("Carnik") ghas-snin 2001 sa 2009. L-audited accounts ghas-snin 2001 sa 2008 kienu esebiti u mmarkati minn Dok JA1 sa JA8. Kien esebit ukoll l-*audit* ghas-sena 2009, li kien markat bhala Dok JA9, li pero` ma jistax jitqies bhala ufficjali stante li l-*accounts* baqghu ma gewx iffirmati mid-diretturi.

Huwa xehed li Carnik hija kuntrattur tal-bini. Kienet il-*main contractor* fil-kostruzzjoni tal-Bella Vista Hotel fil-Qawra ghalkemm kien hemm ukoll xi *subcontractors*. Is-sid tal-Bella Vista Hotel hija kumpannija lghandha relazzjoni ma' Carnik. L-azzjonisti u l-*beneficial owners* u cioe` l-intimati Nicholas u Carmelo ahwa Formosa llum qasmu bejniethom l-assi u d-diversi kumpanniji fosthom Carnik. Apparti terzi Carnik kienet tinnegozja ma' kumpanniji ohra tal-ahwa Formosa fis-sens li kienet taghmel *subcontracting* dan apparti terzi.

Il-*claim* tar-rikorrent ma tirrizulta indikata mkien, fl-ebda wiehed mill-*audited accounts* sal-2009, dik l-ahhar

sena inkluza.  Ghalhekk ma saret l-ebda *provision* ghal dik il-*claim* : la meta kienet biss pretensjoni, la wara li l-kawza bejn ir-rikorrent u Carnik kienet deciza fl-Ewwel Istanza fit-28 ta` Gunju 2005, u lanqas wara li l-istess kawza kienet deciza fit-Tieni Istanza fit-13 ta` Ottubru 2008.  L-*accounts* jaghmlu riferenza ghal *long term borrowings* kontratti ma` *related companies* mhux ma` terzi.

Ix-xhud kompla ighid li l-*claim* ma ngibietx ghall-attenzjoni taghhom bhala awdituri.  Li kieku sar hekk kienet issir riferenza fl-*audit*.  Ebda nota ma saret f`dan is-sens ghal xi *contingent liabilities*.

U ppreciza hekk -

*… meta nigu prezentati b`accounts (profit and loss) u balance sheet wara li nkunu ghamilna l-validation testing taghna, biex inkunu fic-cert illi l-balance sheet qed tirrilfetti a true and fair view … nohorgu bazikament letter of representation fejn fl-ahhar mill-ahhar lill-klijent ingeghluh jiffirma, jaghmel representation illi dak kollu li jaf fil-forma ta` trade creditors, fil-forma ta` contingent liabilities ovvjament ikun imdahhal fl-accounts.*

John Abela kompla jispjega li flus li Carnik trid tircievi jidhlu bhala *trade and other receivables*.  Pero` huwa possibbli li kien hemm *accounts current* bejn ir-*related companies* fejn allura jsir *set-off*.  Sal-2006, kien hemm *trade and other receivables* ta` Lm 114,000.  Fl-2007, kien hemm l-istess ammont, din id-darba pero` fil-munita Ewro u allura €267,000.  Fl-2008, nizel ghal €4000.

Fl-2005, *related companies* kellhom jiehdu minghand Carnik is-somma ta` Lm 90,000.  Fl-2006 l-ammont tela` ghal Lm 99000.  Fl-2007 l-ammont zdied ftit ghal €231000.  Fl-2008 ma kien hemm xejn.  Bejn l-2007

u l-2008, kellu jidhol l-ammont ta` €267000 u johrog €231000. Fl-ahhar tal-2006 kien hemm *shareholders` advances* ta` Lm 8877 waqt li fl-2008 ma kien hemm xejn u cioe` thallas kollox.

L-awditur kompla jfisser li fl-2001, Carnik kellha *current accounts* fi stock ta` Lm 100,011 waqt li kellha tiehu Lm 160,000. Ghalhekk l-assi korrenti taghha kienu ta` Lm 267,000

Dwar ir-related companies account current, l-awditur kompla jispjega li kien indikattiv li Carnik kienet qeghda tkun finanzjata minn kumpannija ohra fl-istess grupp.

U kompla hekk -

*D : Imma jekk tigi biex tfittex il-flus tal-Carnik fejn se ssibhom ?*

*R : Il-flus tal-Carnik at the end of the day milli qed jidher hawnhekk kien hemm debtor account il-ghaliex ovvjament kienet qed tinvojsja pero` fl-istess hin kien hemm il-company related current account illi kienet qed tiffinanzja dawk it-transazzjonijiet tal-Carnik jigifieri hawnhekk qed jidher car. Fil-fatt nahseb jiena li kieku wiehed kellu jara l-2007 ghax it-2008 jidher li hemm balance sheet ha nghid hekk imnaddfa ghandek sitwazzjoni fejn trade and other receivables il-kumpannija Carnik kellha tiehu 267000 pero` fl-istess hin kellha taghti lir-relatred companies current accounts ta` 231000.*

John Abela qal illi kieku s-sentenza favur ir-rikorrent kienet riflessa fl-*accounts* allura kien jirrizulta li Carnik kellha *liquidity deficit* kontra taghha.

Fl-2008, Carnik ma ghamiltx negozju. Kien hemm biss spejjez amministrattivi ta` €880. Kien hemm *a*

*skeleton balance sheet*. Hekk jirrizulta mir-rapport tad-diretturi. Lanqas ma kien hemm moviment ta` flus sabiex jiffinanzjaw in-negozju tal-kumpannija.

Abbazi tal-*accounts* tal-2008 u tal-2009, Carnik ma tistax thallas lir-rikorrent. Ladarba mhijiex topera mhix se tkun tista` thallas.

**B. <u>Ir-rikorrent</u>**

<u>Victor Borg Barthet</u> xehed li huwa baqa` ma thallas xejn minghand Carnik wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza in kwistjoni.

**C. <u>Carmel Spiteri</u>**

Dan huwa l-accountant tal-intimati ahwa Formosa u kien ghadu jahdem maghhom.

Skond Carmel Spiteri, *Carnik hija ditta mejta biex nghidu hekk m`ghadhiex tahdem* (fol 304) u ilha hekk inattiva sa mill-2003-2004. Ftit li xejn kien hemm *turnover* wara dawk is-snin.

Kien hu li jhejji l-*accounts* u jghaddihom lill-awditur John Abela.

Ikkonferma li ma saret l-ebda *provision* ghall-*claim* ta' Borg Barthet. Jaf li kien hemm sentenza mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta` Ottubru 2008. Pero` lilu hadd ma qallu kif kienet deciza. U lanqas hadd ma qallu sabiex jaghmel *provision* wara li kien hemm is-sentenza. L-appell kien sar minn Carnik. Wara l-ewwel sentenza li kienet ukoll kontra Carnik lanqas ma saret l-ebda *provision*. Lanqas bhala l-*accountant* tal-kumpannija ma deherlu kellu

jaghmel hekk. Id-diretturi ma tawx l-ebda struzzjonijiet sabiex jaghmel *provision*.

Carmel Spiteri kompla jghid li wara l-2008 thallas kollox u Carnik ma kien baqghalha xejn. Id-diretturi ma qalulux biex ihallsu lir-rikorrent Barthet qabel spiccat sprovvista minn fondi. Carnik m`ghandhiex mnejn thallas lir-rikorrent. Biex jithallas iridu jigu flus minn barra l-kumpannija ghax hija *dead wood*.

Kompla jghid li fl-2001 Carnik kellha l-flus tant li kellha kuntratti mal-Gvern u kienet topera. Meta kien qed isir ix-xoghol minn Borg Barthet *konna ghaddejjin* (fol 309) stqarr l-istess xhud.

Kienet decizjoni tad-diretturi li minflok ikomplu jahdmu b`Carnik jahdmu bi kumpanniji ohra taghhom. Hemm kumpanniji ohra li huma *dead* li pero` m`ghandhomx dejn.

**D. <u>Il-bank kummercjali</u>**

Kif del resto kkonferma l-awditur John Abela, jirrizulta li wara l-2001, Carnik ma kenitx tahdem bil-banek. Fil-kawza tal-lum, dan kien konfermat minn rapprezentanti tal-Lombard Bank Malta plc, tal-HSBC Bank Malta plc, tal-Bank of Valletta plc u tal-APS Bank Limited li xehdu li mill-1 ta` Jannar 2001 sal-1 ta` Gunju 2010 ma nfetah l-ebda kont bankarju maghhom minn Carnik.

**E. <u>L-intimati Nicholas u Carmelo Formosa ahwa Formosa</u>**

Dawn xehdu bil-procedura tal-affidavit. Ix-xhieda taghhom kienet identika. Huma xehdu fit-tul dwar in-natura tan-negozju li kellhom mar-rikorrent u dwar il-

problemi li nqalghu mieghu. Xehdu wkoll dwar il-kawza in kwistjoni kemm kif kienet deciza fl-Ewwel Istanza kif ukoll fit-Tieni Istanza. Kontra dak li kienu qeghdin jistennew, il-kawza kienet deciza kontra taghhom. Qatt ma ppretendew li kienu se jkunu debituri tar-rikorrent.

L-intimati ahwa Formosa isostnu –

*Ahna m`ghamilna xejn b`xi intenzjoni biex il-kumpannija ngibuha f`posizzjoni illi ma tkunx tista` thallas lil Borg Barthet.*

Ikkonfermaw li huma naqsu fix-xoghol tal-bini bhala kuntratturi u qasmu bejniethom. Dwar Carnik, l-ahhar bini li ghamlet kienet il-Bella Vista Hotel li wara l-qasma misset lil Carmelo Formosa. Wara kkoncentraw fuq ix-xoghol tal-lukandi.

Skond l-ahwa Formosa, Carnik mhux huma hija debitrici ta` r-rikorrent.

Qalu wkoll -

*... l-kumpannija Carnik Construction Limited fiz-zmien kellha bicca art fi Triq il-Port Ruman fil-Qawra u din l-art kienet giet zviluppata fi blokk ta` appartamenti pero` meta l-appartamenti nbieghu l-kumpannija kienet zammet l-arja taghhom. Din l-arja fiz-zmien prattikament ma kienet tiswa xejn pero` issa minn mindu nbdlu l-ischemes tal-bini u jista` jinbna l-hames sular f`din it-triq din l-arka giet zviluppata u lura fiha valur sostanzjali.*

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>L-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrent</u>**

Fl-ewwel u fit-tieni talbiet, ir-rikorrent, bhala kreditur ta` Carnik, qieghed jitlob ix-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija intimata.

Jekk dawn iz-zewg talbiet jigu milqugha, allura din il-Qorti tkun tista` tqis it-tielet u r-raba` talbiet.

Jekk l-ewwel talbiet jigu michuda, ma jkunx hemm lok li tghaddi ghall-konsiderazzjoni tat-tielet u tar-raba` talbiet tar-rikorrent.

It-talbiet ghax-xoljiment u l-istralc konsegwenti tal-kumpannija intimata qeghdin isiru abbazi ta` l-**Art.214 tal-Kap.386** tal-Ligijiet ta’ Malta. In partikolari, ir-rikors jaghmel riferenza ghas-subinciz (2) paragrafu (a) subparagrafu (ii) tal-Art.214 u ghas-subinciz (5) paragrafu (a) tal-istess Art.214.

il-paragrafu **(a)** tas-subinciz **(2)** tal-**Art.214**, il-ligi tghid liema huma c-cirkostanzi fejn il-Qorti **tista’** xxolji kumpannija u tordna l-istralc taghha.

Fil-kaz tal-lum, ir-rikorrent noe qieghed jibbaza t-talba tieghu fuq is-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (a). Dak is-subinciz ighid li kumpannija tista’ tigi xjolta u stralcjata mill-Qorti “ ... *jekk il-kumpannija ma tkunx tista’ thallas id-djun taghha*.”

**Art.214(5)** jistabilixxi meta kumpannija titqies li ma tkunx tista’ thallas id-djun taghha ghall-finijiet tal-**Art.214(2)(a)(ii)**. Is-subinciz **(5)** ghandu zewg paragrafi. Il-paragrafu **(a)** huwa dak rilevanti ghall-mertu ta’ din il-kawza u jaqra hekk –

*jekk id-dejn dovut mill-kumpannija jkun baqa' ma thallasx ghal kollox jew f'parti wara erbgha u ghoxrin gimgha mill-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv kontra l-kumpannija b'xi wiehed mill-atti ezekuttivi msemmijin fl-artiklu 273 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

Jirrizulta li fit-28 ta` Gunju 2005 din il-Qorti, diversament presjeduta, b`sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet "*Victor Borg Barthet ezercenti l-kummerc taht l-isem B.B.2000 ST" (Citaz. Nru.1431/2002)* ikkundannat lill-kumpannija intimata sabiex thallas lill-attur is-somma ta` Lm 22,243 bl-imghaxijiet mis-16 ta` Dicembru 2002, bl-ispejjez kollha kontra taghha. In kwantu ghall-kontrotalba li l-kumpannija intimata kienet ghamlet f`dik il-kawza, il-Qorti ikkundannat lill-attur sabiex ihallasha s-somma ta` Lm 1000 bl-ispejjez tal-kontrotalba jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Jirrizulta li l-kumpannija intimata intavolat appell li kien deciz mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta` Ottubru 2008. Fis-sentenza taghha, il-Qorti tal-Appell cahdet l-appell, ikkonfermat is-sentenza appellata u ordnat li l-ispejjez tal-appell jibqghu kollha a kariku tal-kumpannija intimata.

Jirrizulta li fis-26 ta` Jannar 2009, ir-rikorrent ipprezenta Mandat ta` Sekwestru Ezekuttiv Nru.122/09 kontra l-kumpannija intimata (Dok B minn fol 21 sa fol 26) fejn irreklama l-hlas tal-ammonti kollha dovuti lilu skond is-sentenza tat-13 ta` Ottubru 2008.

Jirrizulta li sal-lum, minkejja l-presentata ta` dak l-att ezekuttiv, l-ammont dovut lir-rikorrent baqa` ma thallasx.

**Jirrizulta li l-kopja tal-Mandat ta` Sekwestru Nru.122/09 esebit bhala Dok B huwa inkomplet ghaliex ghalkemm a fol 23 hemm lista shiha ta`**

**ghoxrin (20) sekwestratarju, hemm nieqsa ghal kollox ir-referti tal-ezekuzzjoni tal-Mandat.**

**Sabiex tiskatta l-applikazzjoni tal-Art.214(5)(a) mhix rikjesta n-notifika tal-att lid-debitur izda hija vitali l-prova tal-*ezekuzzjoni* *tat-titolu ezekuttiv* ghaliex il-perijodu ta` erba` u ghoxrin (24) gimgha jibda jiskatta mill-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv.**

Karenti din il-prova hekk determinanti, din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti processwali u ma sabet l-ebda prova *ohra* indikattiva li saret l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv. L-awditur John Abela ma jsemmi xejn dwar il-Mandat u lanqas kien mistoqsi fir-rigward. L-istess ighodd ghar-rikorrent u ghax-xhud Carmel Spiteri. Dehru bhala xhieda r-rapprezentanti tal-HSBC Bank Malta plc, ta` Bank of Valletta plc, ta` Lombard Bank Malta plc u ta` APS Bank Limited, li kienu ngunti sabiex jixhdu biss dwar kontijiet bankarji ta` Carnik wara l-2001 pero` hadd minnhom ma kien mistoqsi dwar il-Mandat in kwistjoni. La mir-risposta bil-gurament li pprezentaw l-intimati (ara fol 138 u 139) u lanqas mix-xhieda bl-affidavit tal-intimati ahwa Formosa, ma tirrizulta xi prova dwar l-ezekuzzjoni tal-Mandat.

Fit-tieni pagna (fol 351) tan-nota ta` osservazzjonijiet tar-rikorrent, issir riferenza ghall-presentata tal-Mandat. Kif diga` rrilevat, jirrizulta a fol 21 li l-Mandat kien prezentat. Dwar l-ezekuzzjoni, pero` jidher li r-rikorrent hadha *for granted* li in atti kellu l-prova tal-ezekuzzjoni. Pero` din il-Qorti ttenni li din il-prova ma tirrizultax. Ir-rikorrent ighid sahansitra li *minkejja l-fatt li dan il-mandat gie ezegwit fuq il-kumpanniji kollha li jifformaw parti mill-grupp ta` kumpaniji tal-intimati Formosa, huma kollha pprezentaw nota fejn iddikjaraw li m`ghandhomx assi tas-socjeta` konvenuta.* Mill-atti processwali, ma tirrizulta esebita l-ebda nota fis-sens li qieghed jinghad mir-rikorrent. L-unika haga li wiehed isib fil-kopja *inkompleta* esebita tal-Mandat hija nota (ara fol

21) n-naha ta` isfel li tghid *ara erbatax-il nota datati 30 ta` Jannar 2009.* Mhuwiex bizzejjed li wiehed jissupponi x`jistghu jkunu dawn in-noti. Fil-kaz tal-lum, kien essenzjali li jigi esebit il-Mandat shih li allura kien jikkomprendi r-referti tal-ezekuzzjoni u dawn in-noti. Fil-kaz tal-lum, dak rilevat mir-rikorrent tibqa` biss sottomissjoni li ma ssib l-ebda *riscontro* fuq prova accertata. U f`dak il-kaz l-ahjar prova kellha tkun id-dokument. Fil-kaz tal-lum la d-dokument u lanqas riferenza guramentata ta` xhud ghalih ma tirrizulta in atti.

Fuq l-iskorta tal-provi akkwiziti, din il-Qorti ssostni li ma tirrizultax il-prova tal-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ghall-fini tal-Art.215(5)(a) tal-Kap.386 u allura ma tistax tqis it-talbiet tar-rikorrent ghax-xoljiment u ghall-istralc tal-kumpannija intimata skond l-Art.214(2)(a)(ii) tal-Kap.386. L-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrent qeghdin ghalhekk jigu michuda. Konsegwentement ikollhom jigu michuda wkoll it-tielet u r-raba` talbiet tar-rikorrent li ghax huma bazati fuq l-Art.315 u 316 tal-Kap.386 sabiex jinghataw konsiderazzjoni, kumpannija mhux biss trid tkun xjolta, izda trid tkun giet stralcjata.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tichad it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------